A.L. 94 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (bl-Unuri) - B.E.&A. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (bl-Unuri) - B.E.&A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 tal-Kors għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (bl-Unuri) - B.E.&A. (Hons), ippubblikati bħala Avviż Legali 118 ta' l-1993, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 2000 jew wara.

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 7.5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7.5 Il-kandidati li fit-Tieni Parti tal-Kors jirrepetu xi sena jistgħu jikkwalifikaw biss għall-grad li għaddew (Pass), jiġifieri, għall-grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (B.E.&A.)."